# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa**
**Erbatax (14) ta’ Diċembru 2022**

**Rikors Numru 916/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Malta Dairy Products Limited [C-7833]**

**-vs-**

**David Santillo [K.I. 545977M], Jacqueline Santillo [K.I. 117876M], Edward Santillo [K.I. 418446M], Maria Concetta Santillo [K.I. 353547M], Michael Mizzi [K.I. 143050M] u Mary Elizabeth Mizzi [K.I. 974749M]**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 13 ta’ Ottubru 2020, li permezz tiegħu s-soċjeta’ rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi l-intimati David u Jacqueline Santillo jixtru ta’ kuljum mingħand il-kumpanija rikorrenti numru ta’ ħalib u prodotti ta’ ħalib, liema prodotti imbagħad huma jbigħu lil terzi u dan abbażi ta’ ftehim ta’ distribuzzjoni bejn l-istess partijiet illi skada u li baqa’ jiġi mġedded biss fuq bażi ta’ mera tolleranza da parti tal-kumpanija rikorrenti;*

    2. *Illi tul is-snin, l-intimati David u Jacqueline Santillo akkumulaw diversi djun mal-kumpanija rikorrenti tant li ġew iffirmati numru ta’ atti pubbliċi ta’ kostituzzjoni ta’ debitu kif ukoll skritturi privati;*

    3. *Illi l-aktar skrittura privata reċenti hija dik datata 10 ta’ Ottubru 2019 (ara skrittura annessa u mmarkata ‘DOK A’);*

4. *Illi fl-iskrittura premessa, l-intimati David u Jacqueline Santillo ammettew fost oħrajn illi sal-ġurnata tal-firma ta' dik l-iskrittura, kien hemm l-ammont ta' €331,236.24 dovut lill-kumpanija rikorrenti, liema dejn jiġi msejjaħ fl-iskrittura bħala t-Tielet Dejn u li jirrappreżenta ħalib u prodotti tal-ħalib mibjugħa u kkonsenjati lilhom mingħand il-kumpanija rikorrenti fuq ordnijiet tagħhom stess u dan in konnessjoni mal-attivita` mwettqa mill-intimati David u Jacqueline Santillo fuq ir-rotta magħrufa bħala 'Area 9' u dan abbażi tal-ftehim ta' Distribuzzjoni premess li baqa' jiġi mġedded biss fuq mera tolleranza tal-kumpanija rikorrenti minkejja li ilu li skada. A skans ta' ekwivoċi, dan id-dejn kien jeskludi ammont addizzjonali li dak iż-żmien kien jaqa' fit-termini ta' kreditu (credit terms) ta' tletin (30) ġurnata konċessi mingħajr preġudizzju mill-kumpanija rikorrenti lill-intimati David u Jacqueline Santillo, liema ammont addizzjonali għalhekk kien isir dovut malli jgħaddu t-tletin (30) ġurnata ta' termini ta' kreditu;*

5. *Illi fi Klawżola 4 tal-iskrittura privata, l-intimati David u Jacqueline Santillo kienu obbligaw ruħhom li jeffettwaw numru ta' pagamenti in konnessjoni mat-Tielet Dejn dovut lill-kumpanija rikorrenti u dan fis-sens li b'żieda ma' pagamenti mensili oħra li kellhom jagħmlu l-istess intimati lill-kumpanija rikorrenti, mis-6 ta' Diċembru 2019 dawn kellhom iħallsu s-somma ta' €5,000 fil-ġimgħa (kull nhar ta' Ġimgħa) sakemm dan it-Tielet Dejn jiġi saldat fl-intier tiegħu;*

6. *Illi minkejja dak li obbligaw ruħhom u fost diversi obbligi oħrajn li ma ġewx rispettati minnhom, l-intimati David u Jacqueline Santillo naqsu milli jeffettwaw numru ta' pagamenti fil-gimgħa tant li sal-lum hemm bilanċ ta' tliet mija, sebgħa u għoxrin elf, erba' mija tlieta u tletin Ewro tmienja u erbgħin ċenteżmu (€327,433.48), oltre l-imgħax ai termini tal-Klawżola 9 tal-istess skrittura (ara prospett anness u mmarkat 'DOK B');*

7. *Illi fi Klawżola 10 tal-iskrittura privata premessa, l-intimati Edward u Maria Concetta Santillo kif ukoll Michael u Mary Elizabeth Mizzi, flimkien u indiviżament bejniethom u solidalment mal-intimati David u Jacqueline Santillo kkostitwew ruħhom garanti favur il-kumpanija rikorrenti u dan billi ggarantew il-ħlas minn David u Jacqueline Santillo ta' kwalunkwe` ammont, kemm kapitali kif ukoll imgħaxijiet, dovuti minnhom lill-kumpanija rikorrenti ai termini tal-istess skrittura. Għal kull buon fini jingħad illi fuq l-istess skrittura l-garanti ddikjaraw ukoll illi kienu qegħdin jirrinunzjaw għal beneficium excussionis;*

8. *Illi għalhekk ifisser illi l-intimati kollha huma debituri tal-kumpanija rikorrenti fl-ammont ta' tliet mija sebgħa u għoxrin elf, erba' mija, tlieta u tletin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€327,433.48) (ara 'DOK B', senjatament 'entry' tal-11 ta' Settembru 2020 li hija d-data li tmur oltre l-perjodu ta' kreditu konsentit mill-kumpanija rikorrenti). Għal kull buon fini jingħad li apparti l-ammont premess teżisti somma oħra ta' ħamsa u sebgħin elf, seba' mija tnejn u ħamsin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€75,752.55) li hija ċerta u likwida iżda li ma kenitx*

*dovuta sa nhar it-tnax (12) ta' Ottubru mingħand l-intimati lill-kumpannija rikorrenti stante illi kien għadu ma ddekorriex il-perjodu ta' kreditu konsentit mill-kumpanija rikorrenti;*

9. *Illi minkejja d-diversi interpellazzjonijiet magħmula, l-intimati baqgħu inadempjenti;*

10. *Illi għal kull buon fini jingħad wkoll illi dan l-ammont jirrappreżenta parti minn dejn akbar illi sat-tnax (12) ta' Ottubru 2020 kien jammonta għal somma kapitali totali ta' €377,596.48, ilkoll rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' ħalib u prodotti tal-ħalib mibjugħa u konsenjati mill-kumpannija rikorrenti lill-intimati David u Jacqueline Santillo fuq ordnijiet tagħhom stess. Di fatti, somma minn dan il-bilanċ ammontanti għal €50,163, oltre l-imgħax u spejjeż, huwa dejn kanonizzat permezz ta' sentenza fl-ismijiet Malta Dairy Products Limited -vs- David Santillo et (Rik. Nru. 883/2019 GM, deċiża 10 ta' Ottubru 2019, ara sentenza annessa u mmarkata 'DOK C') liema bilanċ, oltre l-ispejjeż u l-imgħax fuq il-bilanċ, għadhom dovuti fl-intier tagħhom mill-intimati kollha, u dan minkejja illi skond Klawżola 2 tal-iskrittura privata premessa kellu jigi saldat fl-intier tiegħu sal-31 ta' Awwissu 2020.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, il-kumpannija rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi l-intimati flimkien u in solidum bejniethom huma debituri tal-kumpannija rikorrenti fl-ammont ta' tliet mija sebgħa u għoxrin elf, erba' mija tlieta u tletin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€327,433.48) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' ħalib u prodotti tal-ħalib mibjugħa u kkonsenjati mill-kumpanija rikorrenti lill-intimati David u Jacqueline Santillo fuq ordinijiet tagħhom stess;*

2. *Tikkundanna lill-intimati flimkien u in solidum bejniethom iħallsu l-ammont premess lill-kumpanija rikorrenti;*

3. *Tillikwida kwalunkwe` ammont ulterjuri li jista' jirriżulta dovut lill-kumpanija rikorrenti mill-intimati jew min minnhom waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Tikkundanna lill-intimati flimkien u in solidum bejniethom iħallsu l-ammont ulterjuri premess lill-kumpanija rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax applikabbli skond l-iskrittura privata tal-10 ta' Ottubru 2019 sad-data tal-pagament effettiv.*

*L-intimati huma minn issa inġunti għas-subizzjoni tagħhom.*

2. Rat illi fl-14 ta' Jannar 2021, l-intimati kollha laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu is-segwenti difiża:

1. *Illi, preliminarjament, l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 10 t'Ottubru, 2019 (Dok. 'A' mar-Rikors Ġuramentat promotur) hija nulla u bla ebda effett stante illi l-komparenti fuq l-imsemmija skrittura David Santillo, Edward Santillo u Michael Mizzi li ffirmaw l-imsemmija skrittura f'isimhom proprju u kif ukoll għan-nom ta' żwieġhom Jacqueline Santillo, Maria Concetta Santillo u Mary Elizabeth Mizzi rispettivament marru ben oltre l-awrtorizazzjoni speċifika lilhom mogħtija in forza tat-tliet prokuri lkoll datati 9 t'Ottubru, 2019 (annessi bħala Doks. A, B u C mal-imsemmija skrittura datata 10 t'Ottubru, 2019) kienu speċifikatament limitati sabiex l-imsemmija David Santillo, Edward Santillo u Michael Mizzi (i) jammettu għat-talbiet tar-rikorrent fil-kawża fl-ismijiet 'Malta Dairy Products -vs- David Santillo et' (Rik. Gur. 883/19GM); u (ii) "jiffirmaw ftehim ta' transazzjoni fl-istess kawża". Illi s-sorte relattiv fl-imsemmi kawża kien ta' €203,852.52, filwaqt li l-iskrittura datata 10 t'Ottubru, 2019, fost affarijiet oħra li jmorru ferm lil hinn mill-awtorizazzjoni mogħtija bil-prokuri datati 9 t'Ottubru, 2019, tirregola l-ħlas ta' ammont ferm u ferm ikbar minn hekk, u dan mingħajr il-kunsens ta' ebda waħda minn Jacqueline Santillo, Maria Concetta Santillo u Mary Elizabeth Mizzi; tirregola l-mod kif ir-rispondent David Santillo kien se jipproċedi bl-operat tiegħu bħala distributur tal-ħalib, u dan kjarament mingħajr il-kunsens u l-awtorizazzjoni ta' martu Jacqueline Santillo; u torbot lill-garanti Edward u Maria Concetta, konjuġi Santillo u Michael u Mary Elizabeth, konjuġi Mizzi għall-ħlas ta' somom ferm akbar minn dik mertu tal-kawża illi kellha tiġi transatta. Għaldaqstant, l-azzjoni attriċi, in kwantu msejsa fuq l-imsemmija skrittura datata 10 t'Ottubru, 2019 hija monka u mingħajr bażi stante illi msejsa fuq skrittura li hija nulla u mingħajr ebda effett.*

2. *Illi, sussidjarjament u mingħajr ebda preġudizzju għas-sueċċepit, l-ammont reklamat mis-soċjeta' rikorrenti mhuwiex korrett u huwa eċċessiv u eżaġerat, u dan kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

3. *Illi wkoll sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, ir-rispondenti Edward u Maria Concetta, konjuġi Santillo u Michael u Mary Elizabeth, konjuġi Mizzi ma jistgħux jitqiesu responsabbli solidalment mar-rispondenti l-oħra David u Jacqueline, konjuġi Santillo għal ebda ammont għajr għal kwalsijasi bilanċ li jista' jkun dovut mill-ammont kanonizzat bis-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fl-10 t'Ottubru, 2019 fil-kawża fl-ismijiet 'Malta Dairy Products -vs- David Santillo et' (Rik. Gur. 883/19GM).*

4. *Illi wkoll ir-rispondent David Santillo effettwa diversi pagamenti oħra li f'kull każ jeħtieġ li jiġu mnaqqsa mill-ammont pretiż; oltre dan hemm ammonti li, bi ftehim bejn il-partijiet, illum huma dovuti direttament lis-soċjeta' rikorrenti minn numru ta' klijenti illi lilhom ir-rispondent David Santillo jissupplihom bi prodotti tal-ħalib lilu konsenjati mis-soċjeta' rikorrenti.*

5. *Illi għaldaqstant it-talbiet kif dedotti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

3. Rat illi fit-13 ta’ Mejju 2021, il-Qorti ġiet infurmata illi l-partijiet kienu qed jippruvaw jittransiġu l-pendenza ta’ bejniethom.

4. Rat illi fis-seduti tat-13 ta’ Lulju 2021, 15 ta’ Diċembru 2021, 24 ta’ Frar 2022, 11 ta’ Mejju 2022 u 11 ta’ Lulju 2022, il-Qorti baqgħet tiġi infurmata illi l-partijiet qed jippruvaw jaslu għal transazzjoni.

5. Rat illi fit-12 ta’ Diċembru 2022, l-intimati dehru assisti quddiem il-Qorti u ammettew illi huma kellhom jagħtu s-somma ta’ €~~447,445.46~~ €477,445.46, **(*)** mingħajr imgħax, lis-soċjeta’ rikorrenti, liema ammissjoni huma ddikjaraw quddiem dina l-Qorti.

6. Rat ukoll illi l-partijiet qablu illi l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza, filwaqt illi qablu li kellha tiġi intaxxata bħala kawża ammessa.

7. Tqis illi jirriżulta illi fl-ebda stadju ma bdew jinġabru l-provi u għalhekk tista’ faċilment titqies li għandha tiġi intaxxata bħala kawża ammessa, liema tassazzjoni, iżda, għandha ssir fuq il-valur ammess.

8. Tosserva illi, ladarba l-intimati ammettew illi kellhom jagħtu s-somma ta’ €~~447,445.46~~ €477,445.46, **(*)** lis-soċjeta’ rikorrenti u la darba l-Qorti ġiet infurmata mis-soċjeta’ rikorrenti li kellha ġia ftehim ta’ pagamenti kif kellhom isiru, l-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex ma għandhiex tilqa’ t-talbiet rikorrenti kif ammessi u għall-valur ammess mill-intimati.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u l-ammissjoni;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet ta’ l-intimati, u għalhekk:

<u>Fuq ammissjoni ta’ l-intimati,</u>

**Tilqa’** t-talba kif dedotta u, konsegwentement;

**Tiddikjara** illi l-intimati flimkien u in solidum bejniethom huma debituri tal-kumpannija rikorrenti fl-ammont ta’ ~~erbgħa mija u sebgħa u erbgħin elf, erbgħa mija u ħamsa u erbgħin Euro, u sitta u erbgħin ċenteżmu €447,445.46~~ erbgħa mija u sebgħa u sebgħin elf, erbgħa mija u ħamsa u erbgħin Euro, u sitta u erbgħin ċenteżmu €477,445.46, **(*)** rappreżentanti s-somma ammessa bħala dovuta mill-intimati lis-soċjeta’ rikorrenti;

Tikkundanna lill-intimati flimkien u in solidum bejniethom iħallsu l-ammont ta’ **~~erbgħa mija u sebgħa u erbgħin elf, erbgħa mija u ħamsa u erbgħin Euro, u sitta u erbgħin ċenteżmu €447,445.46~~ erbgħa mija u sebgħa u sebgħin elf, erbgħa mija u ħamsa u erbgħin Euro, u sitta u erbgħin ċenteżmu €477,445.46. (*)**

**Spejjeż** tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**

**(*) Korrezzjoni awtorizzata permezz ta' digriet tal-31.1.2023 FDP**